TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NUMRU 2396

Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech

Kaz Numru: 3213/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Darren Cilia

U

FIM Property Investments Limited (C44093)

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 4 ta' Ġunju 2015

**Preliminari**

Ir-rikorrenti ppreżenta rikors fejn kien ingaġġat mas-soċjeta` intimata FIM Property Investment Limited bħala security personnel. Hu kien ilu f'dan ix-xogħol mis-6 ta' Ġunju 2012 u ġie mwaqqaf mix-xogħol fil-15 ta' Novembru 2013. Ir-rikorrenti allega li huwa ma ngħatax spjegazzjoni għalfejn l-impjieg tiegħu ġie mwaqqaf u huwa ġie mgħarraf permezz ta' telefonata biex ma jmurx aktar għax-xogħol. Dan kollu ġara minħabba li kien hemm inċident fejn is-security li jkun barra waqqaf żewġ żgħażagħ milli jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom mal-faċċata tal-bini. Ir-rikorrenti kien ħareġ jara x'ġara u minħabba li ma kinitx saret ħsara ma kienx għamel rapport formali. Ir-rikorrenti dejjem kien leali lejn xogħolu u għaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg saret bla ebda raġuni valida u ġusta. Ir-rikorrenti talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda inġusta u għaldaqstant jordna li jitħallas kumpens xieraq skont il-liġi.

Ir-rikorrenti permezz ta' nota ppreżenta numru ta' dokumenti fosthom dikjarazzjoni tal-każ, performance appraisal, performance bonus letter u l-Fimbank Employee Handbook 2011. Fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-rikorrenti qal li kemm-il darba kien imfaħħar għal xogħlu tant li ingħata performance bonus fil-15 ta' Marzu 2013 li permezz ta' dan żdiditlu anke l-paga. Huwa qal li ġie infurmat permezz ta' telefonata biex ma jirritornax xogħol u ma ingħatax il-possibilta li jispjega ruħu. Skont l-employee handbook f'każ ta' proċeduri dixxiplinarji ħaddiem għandu jingħata warning bil-miktub fi tlett ijiem mid-data tar-rapport tal-każ u wara jigi investigat mill-bord tad-dixxiplina fejn il-ħaddiem in kwistjoni għandu jiġi intervistat pero din il-proċedura ma saritx.

Is-soċjeta` intimata ippreżentat stqarrija tal-każ fejn iddikjarat li l-impjieg tar-rikorrenti ma ġiex itterminat minħabba r-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur tiegħu iżda minħabba l-imġieba ħażina tiegħu tul is-sena 2013. Fil-fatt fl-4 ta' Lulju 2013 kien irċieva final written warning fejn ġie avżat li jekk jerġa' jikser il-proċeduri u l-policies tal-kumpannija ser jitkeċċa b'mod immedjat. Nonostante dan, ir-rikorrenti baqa' jaġixxi b'mod mhux konformi mal-policies tal-kumpannija, inkluż li ma tax handover lis-security li ħadmu warajh f'diversi okkażjonijiet, ma rrappurtax inċidenti kif suppost u telaq mix-xogħol kmieni mingħajr ma informa lil ħadd u b'gideb fuq l-attendance sheet tiegħu. Fil-fatt kien wara li ingħata l-final written warning u ġie kkonfermat li kiser ir-regoli tal-kumpannija, li s-soċjeta` intimata ma kellha l-ebda alternattiva ħlief li tkeċċi lir-rikorrenti. Għaldaqstant is-soċjeta` intimata titlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda valida u ġusta skont il-liġi.

<u>Sinteżi tax-Xhieda</u>

Bruno Cassar prodott mis-soċjeta` intimata Head HR FIM Group qal li l-FIM Property hija sussidjarja tal-FIM Bank. Is-Sur Cassar spjega li r-rikorrenti beda jaħdem magħhom f'Ġunju tal-2012 u għaddietlu l-probation bla problemi. Ir-rikorrenti kien jirrapporta lil Steve Abela. Steve Abela jirrapporta ll Jason Zammit li jirrapporta lil Silvio Mifsud, Head IT Administration. Ix-xhud ippreżenta dokument li huwa stedina għas-smiegħ tad-dixxiplina. Qabel ħarġu dik l-ittra lix-xhud kienu kellmuh Jason u Silvio u infurmawh bil-problemi kollha li kienu qed jiffaċċjaw mar-rikorrenti u dawn kollha tniżżlu fl-ittra tad-dixxiplina. Huma taw l-ittra lir-rikorrenti dakinhar li ħarġet u stidnuh għal laqgħa tlett ijiem wara. F'din il-laqgħa kienu preżenti x-xhud, Steve Abela u Jason Zammit u lir-rikorrenti stednuh iġib lil xi ħadd miegħu biex jgħinu, pero huwa ġie waħdu. Il-laqgħa kienet pożittiva u r-rikorrenti qabel ma' dak kollu li kien hemm fl-ittra, għaraf in-nuqqasijiet tiegħu u li ser jirranġahom. Wara l-ittra x-xhud bagħat email lir-rikorrenti fejn infurmah li bħala kumpannija ma setgħux jaċċettaw l-aġir tiegħu. Fl-email infurmah ukoll li dan huwa final written warning u jekk jerġa' ma jimxix mal-policies tal-kumpannija ser jitkeċċa b'mod immedjat. Iddeċidew li jmorru għal final written warning għaliex Steve Abela kemm-il darba kien kellmu verbalment u r-rikorrenti kien jinjorah. F'Novembru reġgħu kellmuh is-superjuri tar-rikorrenti u qalulu li nonostante l-final warning xorta kien għad hemm nuqqasijiet serji min-naħa tar-rikorrenti. Semmewlu l-inċident ta' meta kien hemm persuna li għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata u huwa ma rrappurtax dan l-inċident. Ix-xhud qal ukoll li bħala

security suppost jagħtu handover lil xulxin fl-aħħar nofs siegħa tax-xogħol u kien hemm istanti fejn ir-rikorrenti naqas li jagħmel dan. Ix-xhud irrefera għat-time logs li ma kinux jaqblu mal-ħinijiet x'ħin kien jitlaq skont is-CCTV. Il-kumpannija għalhekk ħasset li ma setgħetx iżżommu bħala security minħabba li kien jinjora b'mod flagranti l-istruzzjonijiet u r-regolamenti. Ix-xhud kien preżenti meta Silvio Mifsud ċempel lir-rikorrenti biex jgħidlu ma jirrappurtax iktar għax-xogħol. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li dan kollu kien komplott biex jeħilsu minnu għaliex ftit wara impjegaw lil xi ħadd ieħor ix-xhud spjega li Mark James ġie impjegat fl-20 ta' Novembru bħala replacement ta' xi ħadd li twaqqaf waqt probation. Il-persuna li ddaħlet flok ir-rikorrenti daħlet fit-2 ta' Diċembru.

In kontro eżami Bruno Cassar qal li l-ewwel darba li kellmuh il-kolllegi tiegħu dwar ir-rikorrenti kien bejn xi Mejju jew Ġunju. Mistoqsi dwar il-performance appraisal tar-rikorrenti x-xhud ikkonferma li f'Marzu r-rikorrenti ingħata performance bonus. Kienu qalulu li final written warning sabiex juruh il-gravita tal-każ għaliex tant kien hemm nuqqasijiet, li ammettihom kollha, li ddeċidew li kellu jkun final warning. Ix-xhud qal li fil-laqgħa tad-dixxiplina huma spjegawlu x'għamel ħażin u hu qabel magħhom. Għalkemm kienet laqgħa pożittiva inħareġ final warning sabiex juruh li l-affarijiet li għamel kienu gravi. Written warning qabel qatt ma kien ħareġ pero kienu jkellmuh verbalment. Waqt handover jekk ma jkun hemm xejn x'jirrapporta għandu jiċċekja ċ-ċwievet, jiċċekja il-log book. Dwar l-inċident li wassal għat-tkeċċija x-xhud ikkonferma li r-rikorrenti ma setax joħroġ barra imma kien jaf bl-inċident għaliex kien infurmah is-security ta' barra. Mistoqsi normalment kif iwaqqfu persuna x-xhud qal li ġieli waqqfuhom bit-telefon u ġieli wiċċ imb'wiċċ. Il-kumpannija ukoll ippreżentat USB b'CCTV footage tal-imsemmija inċidenti.

Rappreżentant tal-ETC ippreżenta lista tal-impjegati mill-1 ta' Novembru 2013 sad-data tas-seduta. Ippreżenta wkoll l-employment history tar-rikorrenti.

Steve Abela, facilities co-ordinator kien jieħu ħsieb is-security, il-maintenance u l-cleaners tal-bank. Ix-xhud spjega li dak iż-żmien kien hemm ċertu Joe Morana li kien il-persuna li tieħu ħsieb is-securities u tirrapporta lilu. Jason Zammit kien is-superjur tax-xhud. Ix-xhud ikkonferma li kien preżenti għal-laqgħa tad-dixxiplina. Ir-rikorrenti dak iż-żmien kien aċċetta l-affarijiet li kien hemm imniżżlin fil-final warning. Ix-xhud kien involut meta kien hemm problemi fit-timesheets tar-rikorrenti. Ix-xhud qal li darba nnutaw li r-rikorrenti kien telaq kmieni u allura għamlu check fuq il-ġimgħa kollha u kuljum kien telaq kmieni iktar milli suppost u xorta mmarka fuq l-attendance sheet li kien telaq fis-6.30. Saru jafu li telaq kmieni meta raw il-cameras. Ix-xhud spjega xi jsir waqt il-proċess tal-handover. Ix-xhud ippreżenta email li kienet intbagħtet lis-security staff kollha minn Jason Zammit fejn ġie spjegat x'għadnu jsir fix-xift ta' bil-lejl. Ippreżenta ukoll Security Policy li jingħata lis-security kollha li jaħdmu mal-bank fejn hemm spjegat kif għandhom isiru ċertu affarijiet u proċeduri, imġieba, u l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tas-security. Meta jibda jaħdem security magħhom jingħata induction training u jtuhom is-Security Manual. Ix-xhud spjega ukoll x'kien ġara fl-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrent. Ippreżenta logbook fejn ir-rikorrent kien immarka li kollox

kien sewwa u li ma kienx hemm inċidenti avolja kien hemm l-inċident ta' meta persuna għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata, liema inċident ġie rrappurtat mis-security ta' barra u mhux mir-rikorrenti hekk kif kien obbligat jagħmel. Ix-xhud semma ukoll inċidenti fejn kien hemm firem ħżiena relatati ma' patrol. Fid-dawl ta' dan kollu ddeċidew li jitterminawh. In kontro eżami x-xhud spjega li fl-ittra li kienu bagħtu lir-rikorrenti kienu spjegawlu li tista' tkun l-ewwel jew final warning. Il-final warning ħareġ fuq l-affarijiet kollha li kien hemm fl-ittra u kien informat permezz ta' email. Ix-xhud ma ftakarx li r-rikorrenti kien qal li l-persuna għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-art mhux mal-faċċata u lanqas ma kien jaf li kienet xi ħaġa komuni bejn is-securities li jitilqu nofs siegħa qabel. Ix-xhud qal ukoll li darba mar ix-xogħol u sab lir-rikorrenti minflok bl-uniformi bix-shorts u flok imqaċċat u kien ħdejn security ta' kumpannija oħra li s-soċjeta` intimata tingaġġa biex jieħdu ħsieb is-site. Ix-xhud qal li fil-każ tan-nuqqasijiet li ġraw qabel il-warning dawn kienu jiġu mitkellma wiċċ imb'wiċċ imbagħad kienet tintbagħat email bħala konferma.

Silvio Mifsud, CIO u Head of Administration tal-Fimbank u Direttur fuq l-FPI, property investments xehed li kien jaf bil-final warning li ingħatat mar-rikorrenti u kien iddiskutiha ma' Steve Abela, ma' Jason Zammit u ma' Bruno Cassar pero m'attendiex għal laqgħa. Ix-xhud spjega għalfejn kien importanti li jiġi rrappurtat inċident fejn persuna barranija għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata. Huwa importanti għaliex huwa importanti li fejn jitħammeġ jiġi mnaddaf u allura importanti li jsiru jafu sabiex jieħdu azzjoni immedjata. Ix-xhud qal li kien hu li kien informa lir-rikorrenti bit-telefon biex ma jmurx aktar xogħol. Meta kellmu r-rikorrenti beda jkellmu ħażin u jidgħi u joffendih personalment. Hu spjegalu x'wassal għat-tkeċċija li kienu tlett raġunijiet u ċjoe li jitlaq f'ħinjiet differenti, ma jagħtix handover kif suppost u l-aħħar inċident ta' meta persuna għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata. In kontro eżami x-xhud qal li filwaqt li dwar il-każijiet l-oħra huma semgħu l-verżjoni tiegħu fuq l-aħħar inċident ma vverifikawx miegħu. Meta kien ċempillu kien spjegalu x'kienu r-raġunijet għat tkeċċija u r-rikorrenti infexx joffendih. Ix-xhud ma jiftakarx li r-rikorrenti kien qallu li l-persuna għamlet mal-art u mhux mal-faċċata. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx jaf bil-prassi bejn is-security li jitilqu kmieni.

Ir-rikorrenti ippreżenta affidavit fejn spjega kif kien jaħdem mal-kumpannija. Spjega ukoll li bi ftehim mad-diretturi huwa telaq mill-part time jobs li kellu biex ikun jista' jiffwoka fuq dan ix-xogħol. Hu qal li kien iħarreġ lis-securities il-ġodda. Fl-aħħar tal-2012 huwa ingħata appraisal fejn ingħata żieda fis-sena u bonus. Wara li sar dan kienu għajtulu ta' fuqu u qalulu li dan kien kollu żball pero ħallew kollox kif kien. F'Lulju 2013 kien ġie mgħajjat għal Bord ta' Dixxiplina u hu tela' mingħajr avukat. Il-laqgħa marret tajjeb u ra fejn min-naħa tiegħu seta' jirranġa u qal li kien ser jobdi li qalulu. Kienet sorpriża meta irċieva email fejn ingħata final warning għax ammetta l–akkużi kollha. Qabel il-Bord qatt ma ingħata warnings u fil-fatt xi nuqqasijiet per eżempju tat-tattoos ma kienx jaf bihom qabel tela' quddiem il-Bord. Ammetta li ġieli neħħa l-qmis u libes flokk ieħor waqt ix-xift għax kien ikun waħdu u ma jarah ħadd. Wara li tela' Bord fil-fatt tawh iktar qomos. Dan għalih juri kemm qatt ma ġibdulu l-attenzjoni fuq l-uniformi jew it-tattoos. Dwar il-bibien miftuħin ir-rikorrenti qal li dan il-bieb ma kellux door closure u wara l-laqgħa mal-Bord ġie rranġat. Ir-rikorrenti qal li mhux veru li ma għamilx il-patrols għaliex la rawh juża l-lifts sinjal li għamel il-patrols. Huwa kompla jgħid li waqt il-laqgħa qatt ma ġie

infurmat li din kienet ser twassal għal final warning. Wara l-Bord huwa kellem lil ta' fuqu u qallu li kien sorpriż kif ma ingħatax il-promotion li kienu wegħduh. Qal li min ħa l-kariga daħal warajh u ma kienx jaf l-affarijiet li kien jaf hu. Dwar l-inċident li wassal għat-tkeċċija qal li s-securities ta' ġewwa kienu biss responsabbli li jagħmlu patrols ġewwa u kellhom ordni ma jagħmlux patrols barra. Is-security ta' barra kien kellmu u mar jara x'ġara pero l-pipi kien mal-art u mhux mal-faċċata tal-bini. Huwa ma rrappurtax dan l-inċident għaliex kien xogħol is-security ta' barra biex jirrapporta dan. Ġimgħa wara ċemplulu u qalulu ma jmurx aktar xogħol. Rigward l-attendenza r-rikorrenti qal li kienet norma bejn is-security personnel li wieħed jidħol ftit minuti qabel u l-ieħor jitlaq ftit qabel waqt li jagħtu l-handovers. Ir-rikorrenti qal li tant kien tajjeb f'xogħlu li Jason Zammit kien qallu li ser jieħu promotion meta jidħol it-tielet security. Wara li tkeċċa sema' xniegħat li kien tkeċċa għax kien qed joħroġ ma' tfajla taħdem il-Fimbank imma f'sezzjoni differenti. In kontro eżami r-rikorrenti kkonferma li fil-każ tal-appraisal il-bank, bi żball, kien tah aktar milli kellu f'moħħu u qalulu li s-sena ta' wara mhux ser jagħtuh żjieda għax ħa kollox f'dik is-sena. Dwar il-laqgħa mal-bord tad-dixxiplina r-rikorrenti insista li qatt ma kienet inġibditlu l-attenzjoni fuq dawk it-tmien akkużi, ħlief fuq tal-bieb, pero dakinhar hu ammetta għall-kollox. Kienet sorpiża li inħareġ final warning għax qatt ma kellu warnings qabel. Ix-xhud ammetta li ġieli għamel patrols bil-lift għalkemm kellhom ordni biex lifts bil-lejl ma jintużawx. Fl-affidavit ir-rikorrenti kien ukoll qal li warajh daħħlu lil xi ħadd bit-tattoos fuq idejh. Mistoqsi fejn sar jaf dan, ir-rikorrenti qal li qallu ċertu Redent Galea pero hu qatt ma ra xejn b'għajnejh. Ir-rikorrenti qal li huwa kien qal lill-kumpannija li xtaq jilbes qmis bil-komma twila biex ma jidhrux għax xtaq hu u kien hemm min kellu tattoos u kien jilbes nofs komma u x'ħin jiċċaqlaq jidhru. Dwar id-door closure ammetta li kien iħalli l-bieb miftuħ. Suppost huwa kien jagħmel erba' patrols matul il-lejl. Il-kumpannija kienet ippreżentat dokument bħala eżempju ta' drabi ta' meta ma kienx għamel l-4 patrols ta' bil-lejl. Ir-rikorrenti intwera dokument fejn hemm indikat dati u l-firma tiegħu ħdejn dawn id-dati. Biex jidħol f'kull sular kien ikollu juża pass allura kien jiġi irrekordjat f'liema sulari jkun tela'. Mid-dokumenti deher li r-rikorrenti kien għamel patrole waħda biss mhux l-erbgħa rikjesti minnu. Dwar l-inċident li wassal għat-tkeċċija r-rikorrenti qal li ma kienx obbligat jirraporta fuq xi ħaġa li ma rax. Qal li pipi mal-art biss kien hemm u mhux mal-faċċata u qal li kiteb 'all ok' fuq il-log għax ma kienx hemm ħsarat u ma kien weġġa' ħadd. Qal ukoll li jiġru ħafna affarijiet mal-lejl u alla ħares toqgħod tikteb kollox. Dwar l-allegazzjoni tiegħu li tkeċċa għax kien qed joħroġ ma' tfajla taħdem hemm ir-rikorrenti meta ġie mistoqsi jekk jafx li hemm mill-anqas tlett koppji li anke għandhom tfal u qatt ma ġara xejn wieġeb li kien jaf imma semmiha għaliex hekk intqal.

**<u>Sinteżi tat-trattazzjoni</u>**

Is-soċjeta` intimata tat sinteżi tal-fatti tal-każ u spjegat ukoll l-aġir ħażin tar-rikorrenti. Is-soċjeta` spjegat li l-liċenzjament tar-rikorrenti kien għal raġuni valida skont il-liġi minħabba li hu naqas milli jobdi u jimxi mar-regolamenti tal-bank u dawk stabbiliti mis-superjuri tiegħu. Fil-fatt in-nuqqasijiet tiegħu kienu kollha elenkati fil-final warning liema nuqqasijiet ġew ammessi kollha mir-rikorrenti kemm waqt is-smiegħ tad-dixxiplina u anke waqt ix-xhieda tiegħu. Dan ġie ukoll ikkonfermat mix-xhieda prodotti mill-kumpannija. Is-soċjeta` irreferiet ukoll għat-twissijiet verbali li irċieva r-rikorrenti u rreferiet għall-attitudni ta' insubordinazzjoni tar-

rikorrenti li ħarġet ukoll waqt il-kontro eżami tiegħu. Waqt il-kontro eżami ħareġ ċar li r-rikorrenti kien jaf li xogħlu ma kienx jagħmlu kif suppost. Is-soċjeta` rreferiet għall-każ ta' Raymond Muscat u Sterling Security (14 ta' Diċembru 2001, każ numru 1401) fejn it-Tribunal iddeċieda li terminazzjoni ta' impjieg minħabba li l-uniformi ma ġietx milbusa b'mod komplut hija ġusta. Ix-xhieda tar-rikorrenti ma qablitx ma dak iddikjarat fl-email mibgħuta lilu wara l-bord tad-dixxiplina u lanqas ma huwa kkontesta l-warning wara li inħarġet għalkemm kellu kull ċans jagħmel dan. Il-final warning inħareġ fl-4 ta' Lulju 2013 u huwa tkeċċa fil-15 ta' Novembru 2013 jiġifieri s-soċjeta` tat żmien raġonevoli lir-rikorrenti sabiex ibiddel l-attitudni tiegħu, minkejja dan huwa xorta baqa' jaġixxi b'mod mhux konformi mar-regoli. Hawn is-soċjeta` għamlet referenza għall-fatt li kien jikteb li jitlaq f'ħin u jkun telaq f'ħin ieħor u allura ma kienx ikun f'pożizzjoni li jagħti handover lil ta' warajh. Is-soċjeta` hawn tisħaq li r-rikorrenti kien jipprova jqarraq biha. Ipprova jqarraq bis-soċjeta` ukoll meta kien hemm persuna li għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata u kiteb li kien kollox sew fil-log book u mhux talli ma kitibx l-inċident talli baqa' jinsisti li m'għamel xejn ħażin li juri li ma fehemx is-sensittivita tar-rwol tiegħu. Fil-fatt dan kollu kien imniżżel fis-security handbook. In vista li r-rikorrenti kellu numru ta' twissijiet verbali u waħda finali bil-miktub u minflok li għamel ħiltu biex itejjeb l-atteġjament tiegħu baqa' jippersisti fil-ksur tar-regoli tal-kumpannija u l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu, t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet waħda ġusta u suffiċjenti skont il-liġi.

Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijet finali reġa' ta sinteżi ta' dak kollu li allega fil-mori tal-kawża u insista li kienet sorpiża għalih li inħareġ final warning u li tkeċċa minħabba li qatt ma inġibditlu l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet tiegħu. Dwar it-tkeċċija reġa' saħaq li qatt ma inġibditlu l-attenzjoni fuq l-allegat nuqqasijiet tiegħu. Dwar il-fatt li kien jitlaq kmieni r-rikorrenti insista li din kienet prassi fost is-securities li kienet taf biha l-kumpannija u li ukoll qatt ma ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti dwarha. Is-soċjeta` riedet tkeċċi lir-rikorrenti akkost ta' kollox. Dwar meta kien hemm persuna li għamlet il-bżonnijiet tagħha mal-faċċata tal-bini joħroġ ċar mill-handbook li r-responsabbiltajiet tiegħu kienu jestendu biss għal dak li jiġri ġewwa l-bini tal-bank u fil-fatt għalhekk kienu jqabbdu security ieħor fuq barra tal-bini. Ir-rikorrenti ċaħad li ingħatawlu twissijiet verbali mis-superjuri tiegħu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti allega li l-każ li wassal għat-tkeċċija tiegħu kien biss montatura sabiex il-kumpannija teħles minnu. Jekk wieħed jara x'kienu r-raġunijet li wasslu għall-ħruġ tat-twissija finali wieħed jista' jinnota li fost it-tmien akkużi kien hemm minnhom li kienu suffiċjentement gravi u ġustifikabbli li wasslu lill-kumpannija tiddeċiedi li toħroġ twissija finali u mhux l-ewwel twissija. Fl-email li intbagħtet lir-rikorrenti l-kumpannija kienet ċarissima fejn avżatu li din kienet twissija finali u nuqqas ieħor iwassal għal tkeċċija b'mod immedjat.

Fil-fatt ir-rikorrenti stess ammetta quddiem dan it-Tribunal uħud mill-akkużi u ammetta li mhux suppost għamel dan, fatt li juri li r-rikorrenti kien jaf li ma kienx qed jagħmel xogħlu sewwa. Donnu li r-rikorrenti ma fehemx ix-xogħol ta' responsabbilta li kellu, speċjalment meta jqis il-post tax-xogħol tiegħu.

L-Employment Appeals Tribunal fl-Ingilterra fil-kaz *Plasticers Ltd. v. Harold Amos* jaghti tifsira ta' 'twissija' fejn jghid li twissija *'is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described in a case like this, as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful'.* Jekk wiehed jara t-twissija finali u ż-żmien li ddekorra bejn it-tkeċċija t-Tribunal jasal jemmen it-teżi tal-kumpannija li din xtaqet tagħti żmien suffiċjenti lir-rikorrenti sabiex jirranġa n-nuqqasijiet tiegħu li huwa stess kien ammetta, kemm quddiem il-bord tad-dixxiplina u kif ukoll taħt ġurament quddiem dan it-Tribunal.

Dwar in-nuqqasijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti u ċjoe li ma kienx jagħmel patrols kif u kemm suppost filwaqt li kien jikteb li kien jagħmilhom u li kien jitlaq kmieni u jikteb li kien telaq fil-ħin, it-Tribunal ma jistax ma jqisx dawn in-nuqqasijiet bħala qerq min-naħa tar-rikorrenti. Il-fatt li wħud minn dawn in-nuqqasijiet kienu diġa mniżżla fl-akkużi ta' meta deher quddiem il-bord tad-dixxiplina jagħmlu dawn in-nuqqasijet aktar gravi minħabba li kienet diġa inġibditlu l-attenzjoni dwarhom u anke hu stess kien ammetta n-nuqqasijiet tiegħu. Dan il-fatt iġiegħel lit-Tribunal jistaqsi kemm veru r-rikorrenti kellu x-xogħol għal qalbu u ried jibża' għalih.

Ir-rikorrenti baqa' jinsisti li huwa ma kienx obbligat li jirrapporta dak li ġara barra l-bini. Huwa minnu li skont is-Security Policies, Procedures, Regulations and Standards tal-kumpannija security ma setax joħroġ barra minn bini imma skont email datata 25 ta' Settembru 2013 mibgħuta lis-security kollha Steve Abela ta istruzzjonijet ċari li dak kollu li jiġri fuq barra tal-bini, inkluż każijiet fejn individwi jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom ma' barra l-bini għandhom jiġu rrekordjati fil-logbook mis-security ta' barra. Ir-rikorrenti għaldaqstant meta baqa' jinsisti li ma kienx obbligat jirrapporta l-inċident ma kienx korrett għaliex kienu ingħataw istruzzjonijiet anke bil-miktub dwar dan.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Sabiex wasal għad-deċiżjoni tieggu dwar dan il-każ, it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta d-dokumenti u recordings ppreżentati u dak kollu li ntqal matul dan il-proċess, jiddeċiedi li n-nuqqasijiet repetuti min-naħa tar-rikorrenti tenut kont tal-kariga sensittiva ta' security f'edifiċju bankarju ma jistgħux ma jitqisux gravi. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kienet waħda ġusta u suffiċjenti.

**Drittijiet**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partiijiet f'dan il-każ ghal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

Minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li dan il-każ jigi deċiż fiż-żmien stabbilit mill-liġi.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju